**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 210/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1722/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-Sbaghtax ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Sbaghatax (17/06/2017) fil-Knisja Arcipretali ta' San Gorg Martri, Hal Qormi (Kopja vera taċ-Ċertifikat taż-Zwieg qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK.A);
2. Illi minn dan iż-żwieg twieldet il-minuri E B u cioé nhar is-7 ta' Mejju tas- sena 2018 (kopja taċ-ċertifikat tat-twelid qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK.B');

3. Illi l-partijiet ilhom separati de jure permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat Dsaghtax ta' Novembru tas-sena Elfejn u Dsghatax (19/11/2019) lhiema kuntratt gie awtorizzat minn din il-Qorti, u li huwa fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono (Kopja vera tal-Kuntratt tas-Separazzjoni qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK.C');

4. Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett ragionevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet,

5. Illi m'hemm ebda manteniment dovut;

6. Illi l-partijiet qegħdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja taghhom u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Civili (KAP.16) tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi ma' dan ir-rikors, qed jigi anness l-Affidavit tal-esponenti nnifsu (Affidavit qed jigi anness u mmarkat bħala 'DOK.D');

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar Sbaghtax ta' Gunju tas-sena Elfejn u Sbagħatax (17/06/2017) fil-Knisja Arcipretali ta' San Ġorġ Martri, Hal Qormi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' April 2023;

Rat illi l-intimata, debitament notifkata ma dehritx għal dawn il-proċeduri u ma ppreżentatx risposta ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi ilhom legalment separati sa mid-19 ta' Novembru 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;